MALTA RESOURCES AUTHORITY

**MRA/PR 12/06**

**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA**

***IL-FUEL SURCHARGE FUQ L-ELETTRIKU***

Kif tħabbar f'Novembru 2005 ir-reviżjoni tar-rata tal-*fuel surcharge* fuq il-konsum ta' l-elettriku pprovdut mill-Enemalta tinħadem fuq il-prezz li l-Enemalta tkun ħallset għall-aħħar kunsinnji tal-prodotti meta dawn jiġu importati minn barra l-pajjiż. Dan il-prezz jiddependi kemm mill-prezz taż-żejt fis-swieq internazzjonali kif ukoll mir-rata tal-kambju bejn id-Dollaru Amerikan u l-Lira Maltija.

L-Enemalta tuża l-Fuel Oil għal madwar 90% mill-bżonnijiet tagħha u l-Gas Oil għal madwar 10%.

Bir-rata tal-prezzijiet taż-żjut u fuq il-bażi tal-konsum ta' l-elettriku f'Novembru–Diċembru, 2006, hu stmat li l-fuel *surcharge* li għandha tinġabar din is-sena hi ta' Lm32,115,014. Fuq din il-bażi, u mingħajr sussidju tal-Gvern, is-*surcharge* tlaħħaq il-65.93%

F'Ottubru 2005 il-Gvern kien introduċa sussidju tranżitorju ta' 29% tnaqqis mis-*surcharge* biex ittaffi l-impatt ta' l-introduzzjoni tas-*surcharge* liema sussidju kellu jitnaqqas kull xahrejn b'rata ta' 2.42% wara li jiġi wkoll ikkunsidrat il-prezz taż-żejt li tkun qed tħallas l-Enemalta.

Kif thabbar fl-Istqarrija għall-Istampa tad-Dipartiment ta' l-Informazzjoni tad-29 ta' November 2006 Nru 1642, is-surcharge fuq l-elettriku se tonqos minn 59.5% għal 54% b'effett mill-1 ta' Jannar 2007.

Għalhekk, l-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Riżorsi qed tippublika din il-bidla fis-*surcharge* għall-perjodu Jannar- Frar 2007.

| **Perjodu** | **Surcharge** |
|---|---|
| Novembru –Diċembru 2006 | 59.5% |
| Jannar –Frar 2007 | 54.0% |

29.12.2006